MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2005

Avviz Numru. 428/2001/1

**Sindku Antoinette Vassallo u s-Segretarju Ezekuttiv Marisa Pisani ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali Ta' Xbiex**

**vs**

**Victor Lia**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fil-15 ta' Mejju, 2001 fejn talbu lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tliet mija u disa' liri Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm309.92) li l-konvenut ircieva mill-Kunsill Lokali Ta' Xbiex u dana billi fid-disgha (9) ta' Marzu, 2000 huwa, bhala Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Ta' Xbiex, permezz ta' *cheque* numru 996, hareg pagament f'ismu ghas-somma fuq pretiza, liema ammont kien jirraprezenta l-hlas ta' *Performance bonus* li ma kienx

approvat mill-istess Kunsill Lokali Ta’ Xbiex u ghaldaqstant ma kienx dovut lilu.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 20 ta’ Frar, 2001 u bl-interessi mid-disgha (9) ta’ Marzu, 2000.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi l-ebda ammont ma huwa dovut lill-Kunsill Lokali attur mill-konvenut;
2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dak gia eccepit, il-Kunsill Lokali attur qatt ma jista’ jitlob lura l-ammont minnu pretiz fl-intier tieghu u dan billi skond ftehim kollettiv tas-6 ta’ Marzu, 2001 bejn l-Assocjazzjoni tas-Segretarji tal-Kunsilli u Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, s-segretarji ezekuttivi huma *di diritto* ntitolati ghall-*performance bonus* ta’ hamsa fil-mija (5%) tal-paga taghhom.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament u t-trattazzjoni verbali ta’ l-avukati difensuri;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda r-rifuzjoni tas-somma ta’ tliet mija u disa’ liri Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm309.92) imhallsa ndebitament lill-konvenut bhala *performance bonus* minkejja li l-Kunsill Lokali Ta’ Xbiex ma approvax dan il-pagament.

Irrizulta mill-provi li f’Marzu, 2000 il-konvenut kien ser jispicca minn segretarju ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Ta’ Xbiex u ressaq talba sabiex jinghata *performance bonus*. It-talba tieghu giet imqeghda ghall-vot fis-seduta tas-7 ta’ Marzu, 2000, izda ma ghaddietx.  Minkejja dan, il-konvenut xorta thallas il-bonus.

L-attrici, a fol. 13, tikkonferma illi f'Marzu 2000 s-segretarju ezekuttiv kien il-konvenut u kien ressaq talba sabiex jinghata *bonus*. Fis-seduta tas-7 ta' Marzu, 2000 ittiehed vot dwar it-talba tal-konvenut. Minn dawk prezenti, wiehed kien favur, tnejn kontra u wiehed astjena u ghalhekk it-talba tal-konvenut m'ghaddietx. Dak inhar il-Kunsill kien qed jikkonsidra x-*schedule of payments* li huma l-ammonti li jkunu awtorizzat biex jigu mhallsa lill-terzi. Skond ir-*records* tal-Kunsill fix-*schedule of payments* bejn Frar u Marzu, l-ammont mitlub mill-konvenut mhuwiex indikat.

L-attrici tkompli hekk, "Fl-ahhar minuti ta' dik is-seduta l-konvenut ipprezentali zewg *cheques* u qalli biex niffirmahom. Jiena fl-ebda mument ma dahalli f'rasi li dawn ic-*cheques* setghu kienu tal-*performance bonus* illi huwa stess kien talab fejn ftit qabel konna ghadna kemm iddiskutejna dan il-*performance bonus* u m'ghaddietx mill-Kunsill." Aktar il-quddiem fix-xhieda tghid, "Jiena wasalt ghall-konkluzjoni illi l-konvenut kien ingannani peress illi huwa kien jaf daqsi illi dan il-*performance bonus* ma kienx gie approvat mill-Kunsill." (fol. 16)

Din ix-xhieda hija korroborata mill-kopji tal-minuti tas-seduta fuq imsemmija, fejn f'paragrafu 5 hemm ir-rizultat tal-vot, liema minuti huma ffirmati mis-Sindku u mill-konvenut bhala Segretarju Ezekuttiv. L-istess konvenut fix-xhieda tieghu kkonferma illi l-minuti ta' dik is-seduta hadhom hu (fol. 34).

Minn naha tieghu l-konvenut mhuwiex qed jinnega illi ha dawn il-flus, tant hu hekk li b'ittra datata 28 ta' Novembru, 2000 (fol. 27) miktuba lil Dr Ian Stafrace il-konvenut jghid, " … jiena dehrli li jiena kelli dritt ghall-*performance bonus* kollu … " Din il-fehma l-konvenut ta wkoll quddiem il-Qorti fejn fix-xhieda tieghu a fol. 36 spjega bl-aktar mod cara r-raguni l-ghala ha dawk il-flus. Fil-fatt jghid, "Minkejja illi jiena kont naf li l-Kunsill ha vot u kont naf li dan il-vot kien kontra illi jiena niehu l-*performance bonus*, dan ic-*cheque* jiena sarraftu. Nixtieq nghid pero', illi jiena jidhirli illi dik il-mozzjoni illi ressaq dak il-kunsillier ma kinitx valida ghaliex ma tressqitx skond il-ligi. Jiena dehrli illi la dik il-mozzjoni

ma kinitx valida, allura lanqas il-vot ma kien validu u la jiena kelli c-*cheque* diga ntestat fuq ismi, u *countersigned* mis-Sindku, allura ma kienx hemm xkiel ghaliex jiena ma nibqax inzomm dan ic-*cheque* u sarraftu."

Fil-kontro ezami a fol. 44 jghid, "Jiena ma kkontestajtx din il-votazzjoni, minkejja illi dehrli illi kienet wahda llegali."

Ikkunsidrat:

Apparti l-fatt li l-allegazzjoni ta' ngann illi ghamlet is-Sindku ma giex negata mill-konvenut, il-Qorti jidhrilha illi dan ta' l-ahhar ghamilha ta' mhallef, gurija u bojja fl-istess hin meta qabghad u ddecieda minn rajh illi l-votazzjoni ma kinitx wahda legali u ghalhekk dehrlu illi kellu jsarraf ic-*cheque*. Dan il-konvenut ma kellu l-ebda dritt jaghmlu. Gara x'gara waqt il-votazzjoni tas-seduta tas-7 ta' Marzu, 2000, ma kienx kompitu tal-konvenut illi jiddeciedi minn rajh min kellu ragun u jekk il-vot kienx validu jew le. Jekk kellu xi dubji jew ilment dwar il-mod kif mexa l-Kunsill, kien hemm proceduri legali disponibbli ghall-konvenut fejn seta' jirrikorri ghalihom ghas-sodisfazzjon, izda 'ex admisis' ma ghamel xejn meta dan u ma kkontestax il-votazzjoni izda dehrlu illi kellu jsarraf ic-*cheque*, kif fil-fatt ghamel.

L-eccezzjoni tieghu illi kellu dritt ghal hamsa fil-mija (5%) tal-*performance bonus*, jekk mhux ghat-total, ma jiggustikawx l-agir tal-konvenut. Kellux dritt jew le, kienet haga li kellha tigi determinata minn fora ohra, izda mhux minn rajh. Ladarba kien hemm kontestazzjoni formali mill-Kunsill ghal mod kif kellha tithallas il-*performance bonus* lill-konvenut, dan ta' l-ahhar ma kellu l-ebda dritt illi jiehu l-ligi b'idejh, jassumi hu min kellu ragun u min ma kellux u jzomm ic-*cheque* u jsarrfu. Dan huwa att ta' arroganza grassa bi sfida lejn l-awtorita' tal-Kunsill u lejn l-istess Sindku, fejn sabha f'mument aljenata biex ottjena b'mod ingannuz il-firma taghha.

Ghalhekk, il-Qorti ma tistax tippremja lill-konvenut jew thallih igawdi minn att illegali tieghu. Id-dritt Ruman jghallem illi, "Nullus commodum capere potest de inguria

sua propria" u fl-agir tal-konvenut il-Qorti tara hafna ngurja, kemm bil-mod kif ottjena l-firma tas-sindku kif ukoll bil-mod kif arbitrarjament u minghajr awtorita' ddecieda illi vot tal-Kunsill ma kienx validu. Dan ma setax jaghmlu lanqas fil-mansjoni tieghu ta' Segretarju Ezekuttiv li dejjem jibqa' soggett ghall-awtorita' suprema tad-decizjoni tal-Kunsill, liema decizjoni wriet bic-car li ma kinitx lesta takkordalu l-*performance bonus* fl-intier teighu.

Il-konvenut kellu l-obbligu illi jirrispetta din id-decizjoni u mhux jisfidha bil-mod illi ghamel.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha li l-atturi ghandhom ragun u l-konvenut ghandu jirrifondi l-ammont mitlub.

Ghal-dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi u tikkundanna lill-konvenut li jhallas s-somma ta' tliet mija u disa' liri Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm309.92) li huwa rcieva mill-Kunsill Lokali Ta' Xbiex u dana billi fid-9 ta' Marzu, 2000 il-konvenut, bhala Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Ta' Xbiex, permezz ta' *cheque* numru 996, hareg pagament f'ismu ghas-somma fuq indikata, liema ammont kien jirraprezenta l-hlas ta' *Performance bonus* li ma kienx approvat mill-istess Kunsill Lokali Ta' Xbiex.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz ghas-smiegh kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------